MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-5 ta' Settembru, 2012

Numru. 897/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs**

**Khalil Sadegh Harrus**

**Illum 5 ta' Settembru, 2012**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Khalil Sadegh Harrus ta’ 37 sena, bin Sadegh u Aisha nee’ Imam, imwieled Tripoli Libja fil-31 ta’ Marzu, 1975, residenti Suq El Giuma, Tripoli, detentur ta’ passaport Libjan numru 609503, prezentement residenti fil-Hotel Eurostar, San Giljan;

Talli fix-xahar t’Awwissu, 2012 u qabel;

1. Assocja ruhu ma xi persuni f’Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jdahhal l-ammont ta’ 112,500 skartocc 12 gauge fil-Libja minghajr licenzja ghall-esportazzjoni tal-istess skratac;

2. Sabiex jikseb vantagg ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’dokument mahsub ghal awtorita pubblika (Dwana) xjentement ghamel dikjarazzjoni falza jew ta’ taghrif falz;

3. Minghajr il-licenzja jew il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija, pprova jesporta lejn il-Libja munizzjon skond l-iskedi ta’ Kap 480;

4. Ipprova jaghmel bejgh, provvista jew trasferiment, direttament jew indirettament lil cittadin tal-Jamahirija Gharbija Libjana minn Malta jew minn cittadini Maltin, jew billi uza bastiment registrat taht il-bandiera ta’ Malta, ta’ armi u taghmir relatat ta’ kull tip, inkluzi armi u munizzjon.

U billi fuq talba tad-Direttur Generali tad-Dwana inti akkuzat;

Talli fl-14 ta' Awwissu, 2012, bil-ko-operazzjoni ta' persuna jew persuni ohra, bil-hsieb li jevadi xi projbizzjoni u/jew restrizzjoni tad-Dwana, u/jew taht xi ligi ohra , xjentement ittenta jew kien b'xi mod involut biex jigu esportati kwantita' ta' skratac, liema esportazzjoni kienet suggetta ghal limitazzjoni jew ghat-tharis ta' kondizzjonijiet. Dawn l-iskratac instabu, wara intervent mill-ufficjali tad-Dwana, ippakkjati u mohbija ma' kwantita' ta' Energy Drinks – Red Bull, waqt li kienu qed jitghabbew fuq container bin-numru TGHU2214755, biex sussegwentement jigu esportati lejn il-Libja. Instab ukoll li kien hemm toiletries biex jigu esportati. Sew l-Energy Drinks – Red Bull kif ukoll it-toiletries kienu ddikjarati ghall-esportazzjoni lejn il-Libja bid-dokumenti tal-esportazzjoni tad-Dwana numru 2012200111742.

L-isktratac, l-Energy Drinks – Red Bull u t-toiletries ghandhom valur ta' €38,896.00, €45,481.21 u €756.00 rispettivament. Dazju tal-Esportazzjoni – Xejn.

Dan bi ksur tal-Artikoli 60(f)(g); 61 (1); 62 (h)(l)(m); 68 (1); 69 (1)(2) u l-paragrafu (a) tal-Proviso tal-artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37, tal-Ligijiet ta' Malta.

L-iskratac, l-Energy Drinks – Red Bull u t-toileteries, gew maqbuda bin-Nota ta' QBid 50/2012 u l-container bin-numru TGHU2214755 gie maqbud bin-Nota ta' Qbid 49/2012.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija tordna l-konfiska tal-oggetti kollha li gew sekwestrati mid-Dwana a favur il-Gvern ta' Malta;

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 48A u 188 tal-Kap 9, l-artikolu 5(2) tal-Kap 480, ir-Regolament 4 (1) (a) ta' L.S. 69/2011, kif ukoll l-Artikoli 60 (f) (g); 61 (1), 62 (h) (l) (m), 68 (1) (2) u l-paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 tal-Ligijiet tad-Dwana

Tikkundannah ghall-terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2) mil-lum, liema terminu ma jiddekorriex hlief jekk l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien erba' (4) snin skond l-artikolu 28(A) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ghall-hals ta' multa ta' €8000 tenur ta' L.S. 69/2011 u multa ohra ta' €600 a tenur tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta, €200 minn dawn is-€600 huma dovuti lid-Dipartiment tad-Dwana bhala dejn civili.

Il-Qorti wkoll tordna il-konfiska tal-container bin-numru TGHU 2214755 kif deskritt fin-nota ta’ qbid bin-numru 49/12 kif ukoll l-oggetti li jinsabu fl-istess container kif ahjar deskritti fin-nota ta’ qbid 50/12 jigifieri skratac, energy drink Red Bull u toiletries.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------